MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 132/2007

**Paul D'Amato – I.D. 516060(M)**

**Vs**

**Ronald Apap – I.D. 150470(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li bih l-attur talab li l-konvenut ihallas lill-attur is-somma t'erba' mija u hamsin lira maltin (Lm450) li huma ekwivalenti ghal elf u tmienja u erbghin euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,048.22) rapprezentanti din is-somma danni kkawzati mill-konvenut lill-attur fil-vettura tieghu meta ssizjalu l-magna. Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponent konvenut ma hu bl-ebda mod responsabbli ghal kwalsiasi

dannu li allegatament sehh fil-vettura tal-attur. Salv eccezzjonijiet ohra. Bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Paul D'Amato, Silvana D'Amato, Ronald Apap u Mariano Borg.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr David Camilleri ghall-attur u Dr Josette Grech ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Paul D'Amato huwa mizzewweg ma' Silvana D'Amato u huma ghandhom karozza Rover bin-numru ta' registrazzjoni GJA414. Din kienet registrata fuq isem il-mara izda ad insaputa taghha din giet imdawra fuq isem ir-ragel. Il-konjugi D'Amato ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali u l-attur qieghed jallega illi martu li ghandha relazzjoni ma' Ronald Apap. L-attur qieghed isostni illi l-konvenut kien qed jithalla jsuq din il-karozza minn martu u f' okkazzjoni meta kien qed isuq din il-vettura din gratilha l-hsara u ssizjat il-magna u l-magna kellha bzonn tinbidel. Fil-mori tal-kawza, l-attur ighid li huwa biddel il-magna u nefaq tmien mija u hmistax-il euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28) - (Lm350) biex xtara magna *second-hand* minghand Regina Auto Dealer u mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) - (Lm100) bhala *labour* tieghu nnifsu u fil-process hemm esebiti ricevuti in sostenn ta' dan. L-attur isostni illi galadarba l-hsara skond hu grat meta l-vettura kien qieghda tinstaq mill-konvenut, il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat.

Jirrizulta wkoll illi l-attur jaghmel xoghol ta' *mechanic* tant illi fil-fatt sabiex titwahhal ir-*replacement engine* inharget ricevuta tieghu stess u fix-xhieda tieghu qal illi huwa kien bi hsiebu jbiddel il-magna huwa stess.

Il-konvenut da parti tieghu qieghed isostni illi l-karozza ma kinitx perfetta u lil Silvana D'Amato kienet tatiha t-*trouble*. F'okkazzjoni minnhom huma nnotaw lill-attur vicin il-karozza u meta hu u Silvana D'Amato nizlu hdejn il-karozza innotaw illi kien hemm il-*pin* tas-*cylinder-head* maqlugh u dwar dan sar rapport lill-pulizija. Sussegwentement meta saqet il-karozza Silvana D'Amato din bdiet tiqfielha u ghalhekk talbet lil Ronald Apap biex jipprova jsewwieha. Huwa ha l-karozza l-*garage* tieghu biex jara jistax isewwiha izda meta fetah il-*filter* tal-pompa tad-*diesel* huwa sab li kien hemm iz-zokkor u ghalhekk saq il-vettura ghand certu Mariano Borg li huwa specjalizzat fuq tiswijiet fuq il-pompi tad-diesel. Il-garage ta' Mariano Borg huwa madwar mil 'il boghod minn dak ta' Ronald Apap.

Bejn ix-xhieda ta' Mariano Borg u dik moghtija kemm mill-attur u kif ukoll mill-konvenut hemm konflitt. Mariano Borg ighid illi huwa kien gewwa l-garage tieghu qieghed jahdem u sema' li kienet waslet karozza u dahal Ronald Apap u talbu biex jaralu l-vettura. Huma hargu barra, fetah il-*bonnett* u Mariano Borg talab lil Ronald Apap biex jistartja l-karozza izda l-karozza ma bdietx tistartja. Ma bdiet taghmel hoss ta' xejn u ghalhekk Mariano Borg m'ghamel xejn u dahal gewwa. Mariano Borg xehed illi fil-fatt lanqas biss sema' l-karozza tahdem. Huwa cahad illi kien sema' xi hoss bhal *back fire* meta wasal bil-karozza Ronald Apap. Ronald Apap ighid illi meta wasal fejn Mariano Borg il-karozza kienet tahdem izda ma tax spjegazzjoni ghaliex Borg ma hadimx fuq il-vettura.

F'din il-kawza hemm konflitt serju fil-provi partikolarment imbaghad meta wiehed iqabbel ix-xhieda tal-attur ma' dik moghtija minn Mariano Borg. Hekk per ezempju l-attur ighid illi Mariano Borg kien qallu li l-magna kienet issizjata. Mariano Borg xehed illi huwa m'ghamel xejn fil-karozza u lanqas biss ra tahdem u allura kif setgha jikkonkludi li din kienet issizjata. L-attur ighid illi Mariano Borg qallu li l-vettura mbaghad giet *towed* mill-konvenut flimkien mal-mara tal-attur izda Mariano Borg xehed illi dakinhar huwa ma rax lill-mara tal-attur u lanqas biss jafha. Ma jafx min ha l-vettura. L-attur ighid illi Mariano Borg kien qallu li l-

vettura kienet damet sitt gimghat ipparkjata quddiem il-*garage* tieghu izda Mariano Borg xehed illi huwa lanqas jaf ezatt kemm damet quddiem il-*garage* tieghu izda giet ittowjata ftit wara.

Li johrog car f'din il-kawza illi fil-mument li l-konvenut saq il-vettura huwa kien qed jaghmel hekk fuq struzzjonijiet ta' mart l-attur. Mart l-attur kienet pjenament fid-drittijiet taghha li titlob lill-konvenut biex johodha halli tigi riparata billi din ma kienetx qieghda tahdem sew. Il-konvenut l-ewwel ipprova jara jistax jirrangha huwa stess izda meta nduna illi din ma kienetx idejh hadha ghand wiehed li dehrlu li huwa espert in materja. Il-konvenut Apap ighid illi l-problema fil-magna kienet naxxenti mill-fatt illi xi hadd tefgha z-zokkor fid-diesel u qed jipprova jaghti x'jifhem illi dan kien l-istess attur.

Mill-provi prodotti u fid-dawl ta' konflitt serju fil-provi, it-Tribunal jidhirlu illi l-attur ma rnexxielux igib prova sodisfacenti u kredibbli li l-konvenut kien b'xi mod negligenti jew traskurat fil-kustodja tal-vettura meta din kienet fil-pussess tieghu biex johodha ghat-tiswija. L-attur, fil-kontro-ezami tal-konvenut, ipprova jitfa' ftit tort fuq il-konvenut billi dan ma ttowjahhiex mill-*garage* tieghu ghal ghand Mariano Borg izda dwar dan it-Tribunal ma jsibx li kien hemm xi htija da parti tieghu u dan billi fl-ewwel lok il-konvenut kien saq il-vettura minn Santa Lucija ghall-Imqabba fejn hemm il-*garage* tieghu u meta huwa kien il-*garage* tieghu sab iz-zokkor, ma kienx jidher f'dak il-mument li kienet ser tkun problema serja biex imbaghad isuq mill-iehor sa fejn il-garage ta' Mariano Borg li qieghed fl-*industrial estate* ta' Hal Luqa. Certament, jekk il-problema fil-magna kienet minhabba li kien hemm iz-zokkor fid-diesel, ma giex provat li dan iz-zokkor tefghu il-konvenut. L-problema fil-magna sehhet probabilment minhabba f'hekk u allura l-persuna li hija responsabbli ghall-hsara fil-vettura hija l-istess persuna li tefghet iz-zokkor fid-diesel. Ghalkemm l-konvenut u mart l-attur jistghu jigu eskluzi, m'hemmx provi sufficjenti biex juru min tefa' z-zokkor.

It-Tribunal jista' jissimpatizza mall-attur fejn sab ruhu f'sitwazzjoni li ma kellux pjacir li l-mara tieghu jkollha hbiberija mal-konvenut u sahansitra l-istess mara tieghu thalli lill-habib taghha jsuq il-vettura izda mill-banda l-ohra dan it-Tribunal mhuwiex il-forum fejn jigu determinati l-kwistjonijiet matrimonjali billi dawn fil-gran parti jigu determinati mill-Qorti tal-Familja u xi kultant ukoll sfortunatament mill-Qrati ta' kompetenza Kriminali.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attur peress illi din ma gietx sodisfacentement ipprovata izda fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal jidhirlu illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Peter Borg Costanzi
Aggudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------